Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 371/2011

tal-15 ta' April 2011

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-melħ tas-sodju dimetilgliċina bħala addittiv fl-għalf tat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Taminco N.V.)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 102, 16.4.2011, p. 6)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 105/2013 tal-4 ta' Frar 2013	L 34	15	5.2.2013
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1936 tal-10 ta' Diċembru 2018	L 314	34	11.12.2018

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 371/2011

tal-15 ta' April 2011

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-melħ tas-sodju dimetilgliċina bħala addittiv fl-għalf tat-tiġieġ għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Taminco N.V.)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u l-grupp funzjonali "addittivi żootekniċi oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplet b'kontenut niedi ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: Addittivi żootekniċi oħra (titjib tal-parametri żootekniċi)									
4d4	►**M1** Taminco BVBA ◄	Melħ tas-sodju dimetilgliċina	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Melħ tas-sodju dimetilgliċina b'purità ta' mill-inqas 97 % *Sustanza attiva* Sodju N,N-dimetilgliċina $C_4H_8NO_2Na$, magħmula b'sinteżi kimika ►**M2** Dimetilamminoetanol (DMAE) ≤ 0,1 % ◄ *Metodi analitiċi* [1] Sabiex tiġi ddeterminata s-sustanza attiva fl-addittiv u fil-pretaħlitiet kromatografija likwida (HPLC) b'detezzjoni-diode-array (DAD), detezzjoni f'193nm. Sabiex tiġi ddeterminata s-sustanza attiva fl-għalf: kromatografija tal-gass bl-użu tad-derivatizzazzjoni prekolonna u tad-detezzjoni b'jonizzazzjoni tal-fjamma(GC)	Tiġieġ għat-tismin	—		1 000	1. Għas-sigurtà: Waqt it-trattament għandhom jintużaw ħġieġ u ingwanti. 2. Doża minima rakkomandata 1 000 mg/kg tal-għalf sħiħ b'kontenutta' ilma ta' 12 %	is-6 ta' Mejju 2021

[1] Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Addittivi fl-Għalf: www.irmm.jrc.be/eurl-feed-additives